# Il-Ħuttafa

numru 102

Jannar - Frar 2011




il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



**Għasfur ta' San Martin**

Ġawhra ta' għasfur li trid tarah biex temmen il-kuluri li għandu!

Ritratt ta' **Aron Tanti**



editorjal

# Ħej ħbieb

Dan l-aħħar ġie jkellimni tifel u urieni tromba ġdida li kien għadu kemm xtara ħalli jibda l-passatemp tal-berdwoċing. Kien jidher akkanit, u talabni lista ta' postijiet tajbin fejn jista' jmur berdwoċing. Semmejtlu r-riservi naturali tas-Simar u l-Għadira, u semmejtlu l-Buskett, is-Salina, il-Majjistral, Ta' Ċenċ, Kemmuna, eċċ.

Imbagħad għedtlu: "U anke l-iskola post tajjeb!"

Ħasibni qed niċċajta imma ma kontx. Għax huwa veru li anke mill-iskola tista' tosserva l-għasafar, speċjalment skejjel li għandhom btieħi u grawnds u ġonna. Barra minn hekk, diversi għasafar ma jibżgħux jersqu lejn l-abitat tan-nies.

Minbarra l-Għasfur tal-Bejt u l-Bufula Sewda, li tarahom is-sena kollha, f'dawn ix-xhur tax-xitwa tista' tara wkoll Pitirrossi, Fjammi Suwed, Sturnell, Zizka Bojod u Vjolini tax-Xitwa. Ħeqq, jiddependi wkoll fejn tkun l-iskola: minn Savio College jaraw Kuċċard u bgħadan għax qiegħda ħdejn il-Buskett, u mill-Primarja ta' San Pawl il-Baħar tista' tara gawwi u anke Ċief (u dniefel!).

Imma l-iktar importanti hu li żżomm għajnejk u widnejk miftuħin, għax dawk huma l-aqwa għodda tal-berdwoċer. Good luck!

Victor

**Victor Falzon** l-editur

**Minn hawn tista' tniżżel PowerPoint tajjeb fuq l-għasafar li tista tara mill-iskola:**
**www.birdlifemalta.org/Content/teachers/dinja_wahda/Activities/ghasafarfliskola/1101/**




Bi ftit pjanar anke rokna tal-klassi tistgħu tibdluha f'*information centre* fuq l-għasafar, u ħajd għal ftit berdwoċing waqt il-brejk!

Victor Falzon

mal-faċċata



In-**Narċis** (Narcissus, French Daffodil) hija fjura li tara kemm tara minnha ma tixbax titpaxxa u titgħaxxaq biha u bil-fwieħa tagħha. Hija ħasra li xi nies għadhom ma jafux igawdu n-Narċis jekk ma jaqtgħux xi bukkett. Tagħmlux hekk ħbieb.

Ritratt ta' Desirée Falzon

# X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'nista' nara tgħid? | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| Żewġ Ritratti | 5 |
| Intervista ma' Fjura | 5 |
| Attività | 6 |
| Mixja l-Mistra | 6 |
| Sofor Lellux | 7 |
| X'differenza bejn..? | 8 |
| Sisien u Rdumijiet | 9 |
| Agħti kulur | 10 |
| Arti u Ritratti | 10 |
| Tgħidx ħmerijiet! | 11 |
| Ntietef tan-Natura 5 | 11 |


## il-kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Fleur Bugeja • Desirée Falzon • Victor Falzon

## il-kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

©BirdLife Malta, Frar 2011
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Mina? Jew Minaċċja?

Dan l-aħħar qed nisimgħu b'idea li tinbena mina taħt qiegħ il-baħar bejn Malta u Għawdex. L-idea hi biex l-Għawdxin ikunu jistgħu jaqsmu lejn Malta u lura b'inqas tbatija u f'inqas ħin.

Aħna nifhmu li biex toqgħod taqsam bejn il-Gżejjer kuljum għax-xogħol hija biċċa xogħol. Imma meta taħseb fuq proġett bħal dan trid taħseb f'ħafna affarijiet, mhux fuq bżonn wieħed biss.

Għawdex għandu karattru differenti minn Malta għax huwa maqtugħ gżira għalih. Jekk jingħaqad ma' Malta, dik il-ħaġa li tagħmel lil Għawdex speċjali tista' tispiċċa. Tkun ħasra jekk Għawdex jitlef il-karattru tiegħu.

Immaġinaw ukoll kemm iktar traffiku, storbju u tniġġis. U minħabba li Għawdex huwa terz id-daqs ta' Malta, il-ħsara lill-ambjent tiegħu tkun ikbar u tinħass iktar.

Għalhekk irridu noqogħdu b'seba' għajnejn biex meta nagħmlu proġett, ma nirbħux ħaġa u nitilfu mija.




Victor Falzon

## X'Nista' Nara Tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**



Victor Falzon

### Is-Seqer tal-Ħannieqa

**Hobby** *Falco subbuteo*

Wieħed mill-isqra li naraw fi żmien il-passa huwa s-Seqer tal-Ħannieqa. Dan l-għasfur ibejjet fl-Afrika, fl-Ewropa u fl-Asja, u fix-xitwa l-isqra tal-Ewropa jinżlu l-Afrika.

Is-Seqer tal-Ħannieqa huwa seqer żgħir u mislut b'denb tawwali. Meta jkun qiegħed itir, il-ġwienaħ jidhru ġejjin għall-ponta u jkollhom il-forma ta' minġel. L-għamla tiegħu tfakkrek f'Rundun kbir. It-titjira ħafifa tgħinnu jikkaċċja u jaqbad priża veloċi, bħal ma huma l-mazzarelli, il-Ħuttaf u r-Rundun. L-insetti li jaqbad kemm-il darba jikolhom waqt li jibqa' jtir. Għalkemm is-Seqer tal-Ħannieqa s-soltu jżomm għalih waħdu, fi żmien il-passa jħobb jingħaqad fi qtajjiet żgħar.

Peress li jħobb l-imsaġar, il-Buskett hu wieħed mill-aħjar postijiet fejn tista' tosservah.







It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, li huwa miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.



Dawn l-aħbarijiet tajbin biex tużawhom l-iskola fl-attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda)
Dinja Waħda hija kampanja edukattiva ambjentali li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn BirdLife Malta u Bank of Valletta
dinja waħda
BirdLife MALTA
BOV Bank of Valletta

X'għandna mid-dinja?

# Se jħaffru fil-foresta



Fil-**Kambodja** hemm kullana muntanji jisimhom Cardamom Mountains, li għadhom miksijin foresti tal-ġenn u madwarhom xmajjar iserrpu qalb is-siġar. Issa l-gvern t'hemm ħa jħalli kumpanija tħaffer barrieri għat-titanjum fuq medda art kważi daqs Malta. Dan l-iżvilupp se jagħmel ħsara kbira lill-ambjent, fosthom se jisfratta medda art li minnha jpassu l-Iljunfanti Ażjatiċi.

# Reġa' bdielhom...



Ftit xhur ilu l-Gvern tar-**Renju Unit** ixxokkja lil kull min iħobb in-natura meta ħabbar li ħa jibda jbigħ il-foresti tal-pajjiż lil kumpaniji privati. Dan kien ħa jfisser li meded ta' foresti kienu ħa jinqerdu biex isiru golf courses, housing estates, eċċ. Imma wara li rċieva nofs miljun protesta, il-Gvern Ingliż induna bil-ġennata li kien ħa jagħmel, ammetta li ħa żball u ħassar il-pjan kollu. Prosit.

# Tlifna ieħor...




Il-**Madagascar** għandha ħafna annimali [1]endemiċi. Il-ħasra hi li ħafna minnhom qed jinqerdu minħabba l-kaċċa, qtugħ ta' foresti u qerda oħra tal-ambjent. Lake Alaotra huwa l-ikbar għadira tal-pajjiż (900km$^2$, kważi tliet darbiet daqs Malta). F'din l-għadira suppost li jgħix L-Alaotra Grebe *Tachybaptus rufolavatus*, blonġun endemiku li jixbaħ lill-Blonġun Żgħir li naraw Malta. Imma n-nies tant bagħbsu f'din l-għadira li l-ambjent inbidel u batiet in-natura. Wieħed milli ntlaqtu ħażin kien l-Alaotra Grebe. Beda jonqos u sar rari, u l-aħħar darba li rawh kien fil-1985. U la spiċċa minn hemm, spiċċa mid-dinja! Is-sena l-oħra l-[2]IUCN iddikjaratu [3]estint. Il-Blonġun ta' Alaotra: għasfur ieħor li tlifna.

Mis-sena 1600 'l hawn diġà nqerdu 132 speċi ta' għasafar minn wiċċ id-dinja.

Il-aħwa, jiġifieri qed jisparixxi għasfur kull tliet snin!

[1] **endemiku** = pjanta hew annimal li jkunu jgħixu biss f'pajjiż jew reġjun wieħed biss tad-dinja.
[2] **IUCN** = International Union for Conservation of Nature, għaqda dinjija li fost affarijiet oħra żżomm rekord ta' kemm huma komuni jew rari eluf ta' pjanta u annimal, u toħroġhom fir-Red Data List.
[3] **estint** (extinct) = pjanta jew annimal li jkun inqered għal kollox minn pajjiż, minn reġjun jew mid-dinja.

# Waqfu kmieni!


Baliena tar-razza Minke, l-iktar speċi ikkaċċjata.

Ftit ġranet ilu l-**Ġappun** waqqfet ħesrem il-kaċċa tal-balieni għall-bqija tal-istaġun, u sejħet il-flotta ta' *whaling ships* lura lejn id-dar. Qalet li qed twaqqaf il-kaċċa kmieni għax tant bdew ifixkluhom l-ambjentalisti li l-vapuri ma setgħux jikkaċċjaw sew!

Din hija rebħa kbira għall-balieni, għax dis-sena l-Ġappun kienu se joqtlu 1000 baliena. Imma issa waqfu qabel ma leħqu qatlu nofs dan-numru.

Kull sena għal dawn l-aħħar snin, l-għaqda ambjentalista Sea Shepherd kienet qed tibgħat vapuri u dinghies biex ifixklu l-kaċċaturi Ġappuniżi milli joqtlu l-balieni. Tgħid fl-aħħar irnexxielha?

Fl-1987 il-pajjiżi tad-dinja kienu ftehmu li jwaqqfu l-kaċċa tal-balieni, għax dawn l-annimali kienu se jinqerdu minn wiċċ id-dinja. Imma tliet pajjiżi baqgħu rashom iebsa, u baqgħu xorta joħorġu bil-vapuri u joqtlu eluf ta' balieni. Dawn il-pajjiżi huma n-Norveġja, l-Islanda u l-Ġappun, u kollha ġabu xi skuża fjakka: min qal għax din kultura, min qal għax ried jistudja l-balieni, u min qal "Aħna nagħmlu li rridu, tindaħlulniex!"



J'alla jżarmaw għal-dejjem u jħallu l-balieni jgħixu.

# Ftakar!




Dal-poster għalik jekk iġġedded il-miżata fi Klabb Ħuttaf.

Ta' kiesaħ!

# Żewġ ritratti...

Mark Sultana




F'dar-ritratt, meħud L-Aħrax tal-Mellieħa, naraw kaċċatur qed juri lil tifel kif iżomm senter tal-kaċċa. Prosit ħej, x'edukazzjoni dik: tgħallem lit-tfal kif tuża arma tan-nar biex tibda toqtol l-għasafar! Mhux hekk biss, imma dak il-kaċċatur qed jikser il-liġi wkoll, għax tfal mhux suppost jitħallew iżommu senter, aħseb u ara jitgħallmu jużawh. Imissu jistħi dak ir-raġel.

Aron Tanti



F'dar-ritratt naraw tifel żgħir jieħu r-ritratti ta' pjanta tal-Għansar, jew forsi xi insett li kien hemm fuq il-weraq. Din id-drawwa sabiħa tgħallimha mingħand il-papà tiegħu, li wkoll jieħu ħafna ritratti tan-natura. Dik edukazzjoni vera!







¹ **indiġenu** = pjanta jew annimal li dejjem kienu jgħixu f'dawk l-inħawi u mhux ġabhom il-bniedem minn art oħra.

## Intervista ma' Fjura ②

Victor Falzon



Il-Buttuniera

**X'jismek?**
Jisimni Buttuniera, u bl-Ingliż jgħiduli *Sweet Alison*.

**Għaliex jismek Buttuniera?**
Għax il-fjuri tiegħi jkunu bukketti qishom buttuni.

**Inti Maltija jew barranija?**
Iva, jiena Maltija [1]indiġena.

**Il-fjuri tiegħek ifuħu?**
Iva għandhom riħa, hawn min togħġbu u hawn min le.

**X'tip ta' ambjent tħobb?**
Nikber f'ħafna ambjenti, anke fuq art ramlija ħdejn il-baħar! Fil-fatt fl-isem xjentifiku tiegħi hemm il-kelma *maritima*, jiġifieri ta' ħdejn il-baħar.

**Ix-xemx tħobbha?**
Inħobbha, ħlief fl-eqqel tas-sajf.

**F'liema żmien tikber?**
Kważi s-sena kollha bil-fjuri jien.

**Inti pjanta komuni jew rari?**
Jiena pjanta komuni sew.

**Għandek xi problemi?**
Ma tantx jaqtgħuni, kieku. Imma meta nikber mal-ġnub tat-toroq spiss ibexxuni u joqtluni.

**Grazzi ħafna.**
M'hemmx imniex.



attività

# Il-Maaaaaratona!




Victor Falzon

Reġgħet waslet il-Mixja Maratona, attività popolari immens mal-membri u l-familji tagħhom. Issa sar normali li jiġu iktar minn mija għal dil-ħarġa. Is-sena l-oħra ħadna rotta ġdida, u ħafna għoġbithom u qalulna nerġgħu nużawha. U hekk ħa nagħmlu. Ħa nimxu mir-Rabat sal-Qrendi (11km), rotta sabiħa, tgħaddi kollha mill-kampanja, u kważi kollha wita jew għan-niżla, biex ħadd ma jbati jimxi. Ma' dal-magażin bgħatnielkom karta-sponsor: dik biex jekk ikollkom ċans u aptit tiġbru xi ħaġa tal-flus, u forsi tirbħu xi rigali żgħar bħala ringrazzjament. Is-sena l-oħra ġbarna €1115 u kif tafu qed nonfquhom biex inħajru iktar Rundun ibejjet f'Malta. Dis-sena bil-flus bi ħsiebna nixtru skoss trombi biex jużawhom it-tfal tal-iskejjel meta jżuru r-riservi naturali fl-Għadira jew Is-Simar.

## DETTALJI

**DATA**
il-Ħadd 20 Marzu 2011
**NILTAQGĦU**
Ir-Rabat
(taħt is-Saqqajja)
**ĦIN**
fit-8.30am (tiġux tard!)
**NASLU L-MAQLUBA**
xi 12.30pm
**ĠIBU MAGĦKOM**
ikel u xorb, il-karta-sponsor u xi flus li tkunu ġbartu
**MERĦBA**
membri* tal-Klabb, familji u ħbieb

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir

# Mixja Memorabbli Madwar il-Mistra

jirrapporta Tim Micallef

Victor Falzon




Pittma

Denis Cachia



Gawwija Prima

Fid-9.00am tal-Ħadd **30 Jannar 2011** inġbarna fil-bajja ċkejkna tal-Mistra għal ħarġa oħra ta' Klabb Ħuttaf. Imdawrin biċ-ċpar bdejna mexjin lejn fortizza antika li tinsab man-naħa ta' fuq tal-bajja. Hemmhekk il-leaders urewna kif is-siġar jikbru qishom arbuxxelli kbar minħabba r-riħ li jolqot dawk l-inħawi.

Komplejna nimxu ma' Rdum il-Bies lejn Selmunett, fejn rajna xi **Gawwi Prim** itir fuq il-gżejjer u l-*fishfarms*. Ilmaħna ħafna pjanti fosthom **Għansar**, **Garni tal-Pipa**, **Papoċċi Ħamra**, **Silla**, **Erika**, **Pittma** kif ukoll **Tengħud ta' Malta** u **Limonju ta' Malta** (dawn l-aħħar tnejn huma endemiċi). Meta wasalna viċin il-gżejjer tlajna mat-telgħa li wasslitna ħdejn Fort Campbell, fortizza mitluqa ta' żmien l-Ingliżi. Mal-mogħdija rajna siġar bħal **Ħarrub**, **Bruka** u **Żebbuġ**, u xi pjanti oħra bħal **Silla tal-Mogħoż**, **Ħarira**, **Liftija**, **Narċis** u **Qniepen**.

Kathleen Mamo



Membri tal-Klabb waqt il-ħarġa. Tidher il-gżira Selmunett bl-istatwa ta' San Pawl fuqha, u fil-baħar jidhru wkoll xi gaġeġ tal-fixfarms.

Minn dak l-għoli rajna l-ispazji kbar u miftuħin tal-kampanja madwar il-bajja. Filwaqt li mxejna lejn Selmun inzertajna żewġ **Kamaleonti** u fl-aħħar qbadna passaġġ li jinżel għal ġol-wied tal-Mistra, u minn hemm erġajna spiċċajna fil-bajja. Matul il-ħarġa, minbarra l-gawwi rajna għasafar oħrajn bħal **Bufula tal-iMrewħa**, **Bufula Sewda**, **Pitirross** u **Zakak Abjad**.

F'din il-ħarġa skoprejna li l-wesgħat ta' kampanja li hemm fin-naħat tal-Mistra jżommu varjetà ta' flora u fawna, u dawn għandhom ikunu protetti biex kulħadd igawdihom.




# Sofor lellux...

L-iktar kulur komuni fil-fjuri ta' Malta huwa l-isfar. Jekk toħroġu fil-kampanja bħalissa taraw irqajja' sħaħ ta' sfura ma' kullimkien.

Hawnhekk għandkom tmien speċi ta' pjanti li jagħmlu fjuri sofor.










Hemm minnhom tarawhom daż-żmien (bħall-Ferla), oħrajn jiftħu iktar tard (bħall-Faqqus il-Ħmir). Uħud jikbru kullimkien (bħall-Qarsu) u oħrajn inqas mifruxin (bħaċ-Ċfolloq).







Ir-raġuni li ħafna fjuri Maltin huma sofor hija minħabba t-tip ta' ħamrija Maltija.













Ritratti ta' **Victor Falzon**

# X'differenza bejn Sies u Rdum?

**Sisien** u **rdumijiet** mhumiex l-istess ħaġa. Huma żewġ tipi ta' ambjent differenti sew. U m'hemmx isbaħ minn stampa biex nifhmu id-differenza. Araw daż-żewġ ritratti:

Aron Tanti




Dar-ritratt juri s-sisien ta' ħdejn Ħad-Dingli (il-famużi Dingli Cliffs). Sies huwa fejn l-art taqta' għal kollox fix-xejn. Ħafna minnu tant huwa wieqaf li ebda pjanta ma jirnexxielha tikber miegħu, għalhekk fir-ritratt partijiet minnu jidhru bojod. Is-sisien is-soltu jkunu ta' blat iebes (żonqor), jiġifieri jew Qawwi ta' Fuq jew Qawwi ta' Taħt. Il-wiċċ u l-forma tas-sisien jista' jibqa' l-istess għal eluf ta' snin bla ma jinbidlu kważi xejn.

Aron Tanti




Dar-ritratt juri l-irdum madwar Ras il-Pellegrin, ħdejn ir-ramla tal-Ġnejna. L-irdum ma jkunx wieqaf daqs sies, imma jkun imżerżaq u mimli blat, ħaġar u tifrik. Bejn dal-ġebel jinġabar ħafna tafal, trab u ħamrija. Qalb dan it-tifrik spiss jikbru pjanti u ħaxix. Rdum is-soltu jkun magħmul minn taħlita ta' blat, bħal Franka, Rina, Tafal u ċnagan taż-Żonqor. Huwa ambjent li biż-żmien jinfirex.

F'Malta għandna ħafna postijiet bl-isem rdum: Rdum il-Kbir, Rdum id-Delli, Rdum Dikkiena, Rdum tal-Vigarju, Rdum tas-Sarġ, Rdum l-iMdawwar, Rdum Majjiesa, L-iRdum tal-Madonna, Rdum Rxawn, Rdum il-Qawwi, Rdum il-Bies...

## Allura kif jifforma rdum?

Il-Gżejjer Maltin huma magħmulin minn ħames saffi ta' blat. Hemm blat iebes, u hemm blat artab. L-irdum jifforma meta l-blat artab ikun mal-baħar.

Victor Falzon




Immaġinaw tliet saffi ta' blat: Franka, Tafal u Qawwi ta' Fuq. Il-Franka u t-Tafal huma tipi ta' blat artab, u l-Qawwi ta' Fuq huwa blat iebes.




Bil-mewġ, bil-melħ, bir-raxx, bir-riħ u bix-xita, il-blat artab jibda jitmermer, u ftit ftit jiffurmaw daħliet fil-blat. Is-saff ta' fuq ma jkollux fuqhiex jistrieħ.




Biċċiet mill-Qawwi ta' Fuq jinqasmu u jirrumblaw 'l isfel. Ħafna jispiċċaw fil-baħar flimkien ma' ħafna tmermir mill-Franka u t-Tafal. Xi ħaġar jixref minn wiċċ l-ilma.




Iktar tmermir ta' Tafal u Franka jġiegħlu iktar ċnagan tal-Qawwi biex iċedu, jaqgħu u jiżżerżqu 'l isfel. Ftit ftit jifforma xatt ġdid kollu blat u tifrik. Dan huwa l-irdum.



Rdum il-Bies! Ħa! Hemmhekk minn fejn għaddejna fil-ħarġa tal-Mistra.




# Sisien u Rdumijiet

Elisabeth Conrad

**L-irdumijiet u s-sisien huma xena komuni jekk timxi max-xtut tal-punent, tal-lbiċ u tan-nofsinhar ta' Malta, u kważi d-dawra kollha t'Għawdex.**

F'din is-serje s'issa tkellimna fuq ix-**xagħri**, il-**makkja**, l-**isteppa** u l-**bosk**. Illum se nħarsu lejn l-**irdumijiet**.

## Fejn qegħdin?

Minħabba li l-Gżejjer Maltin qegħdin ftit imxaqilbin, ħafna mix-xtut tan-naħat t'isfel ta' Malta u Għawdex huma għoljin, u x-xtut tan-naħa ta' fuq baxxi mal-baħar. Ix-xtut għoljin jiffurmaw is-sisien u l-irdumijiet, u hemm ħafna postijiet tajbin f'Malta fejn tosserva dan l-ambjent, per eżempju ħdejn Ħad-Dingli, Il-Fawwara, L-iMtaħleb u Ħal Far; u Ta' Ċenċ f'Għawdex.

## X'jgħix hemm?

Minkejja li f'dan l-ambjent m'hemmx ħamrija fonda, xorta nsibu fihom pjanti li jirnexxielhom jikbru. Dawn il-pjanti li jikbru fuq il-blat jissejħu pjanti rupestri.

Il-pjanti li jikbru hawn iridu jkunu kapaċi jikbru mingħajr wisq ħamrija u nutrimenti, u mingħajr wisq ilma; ħafna drabi jridu jkunu wkoll jifilħu għall-irjieħ qawwijin u jkampaw ukoll mar-raxx tal-baħar bil-melħ li jġorr. Fost il-pjanti rupestri nsibu **Widnet il-Baħar**, il-fjura nazzjonali ta' Malta, li hija pjanta [1]endemika. Pjanti oħrajn endemiċi li nsibu f'dan l-ambjent huma l-**Bjanka tal-iRdum** u x-**Xebb**. F'Għawdex insibu wkoll pjanti endemiċi li lanqas biss jinsabu Malta, bħas-**Sempreviva t'Għawdex**, li tikber mas-sisien madwar l-Inland Sea tad-Dwejra, u ż-**Żigland t'Għawdex**. Hemm ukoll speċi li għalkemm mhux endemiċi, ma jinstabux f'ħafna postijiet oħra, per eżempju l-**Fexfiex tal-iRdum**.

Imma mhux pjanti biss insibu fuq l-irdum. Dan huwa ambjent importanti wkoll għal diversi għasafar, fosthom il-**Merill**, l-għasfur nazzjonali, u tajr tal-baħar bħaċ-**Ċiefa** u l-**Garnija**, li jbejtu fix-xquq tas-sisien. Mal-blat tal-irdumijiet insibu wkoll fawna endemika rari ħafna, bħad-**Dussies ta' Għawdex** u ż-**Żugraga tal-iRdum**.

## X'fihom speċjali?

Is-sisien u l-irdumijiet huma importanti għal min jistudja n-natura. Minħabba li s-sisien huma tant weqfin, għoljin u perikolużi, diffiċli biex bniedem jilħaqhom. Għalhekk l-irdumijiet huma tista' tgħid l-uniku ambjent naturali f'Malta li baqa' mhux mittiefes u mħarbat mill-bniedem. B'hekk dawn il-postijiet jipprovdu kenn prezzjuż għal diversi speċi ta' pjanti u annimali, post fejn dawn jistgħu jgħixu bla tfixkil. Kieku mhux għal dal-postijiet, żgur li ħafna mill-flora u fawna endemika nqerdet jew tinsab mhedda sew.







**L-irdumijiet u s-sisien qegħdin l-iktar man-naħat t'isfel tal-Gżejjer. Dan għaliex meta Malta telgħet minn qiegħ il-baħar telgħet immejla!**







[1] **endemika** = pjanta jew annimal li ssibhom biss f'post jew reġjun wieħed biss tad-dinja.

# Fjamma Sewda

Victor Falzon



Agħti kulur lill-istampa!











# NATURATRATTI

il-huttafa@birdlifemalta.org

Il-fotografija fl-aħħar qed taqbad fostkom il-membri. Il-kameras diġitali huma tajbin, irħas u komdi. Għalhekk nieħdu gost jekk tibagħtulna xi ritratti li tieħdu biex inġibuhomlkom f'dir-rokna. Basta jkunu ritratti tan-natura selvaġġa (mhux pets jew ward ikkultivat), u basta jkunu veru ritratti tagħkom. Ibagħtuhom **.jpeg** fl-imejl t'hawn fuq.



**BEBUNA**
Francesco Tanti 4



**FJAMMA SEWDA**
Lara Castillo 10




# ARTITASKYA

Kartun ieħor ta' **Askya Pizzuto** 14



Ir-RUSSETT GRIŻ



# Tgħidx ħmerijiet!

**Desirée Falzon** iddur dawra ma' ħmerijiet li nisimgħu fuq l-annimali.




**Lanqas xejn!** Ara kif jista' jkun li l-baħrijiet għandhom kontroll fuq il-ħajja tal-bniedem! Il-baħrijiet huma insetti, kuġini tal-friefet, u jixbħuhom ħafna. Id-differenzi ewlenin huma li l-biċċa l-kbira tal-baħrijiet itiru bil-lejl, u li meta baħrija tpoġġi, hija żżomm ġwinħajha miftuħin ċatti, mhux tagħlaqhom bħal farfett. Allura għalfejn ħafna nies jibżgħu mill-baħrijiet?

L-imsieken baħrijiet imdawrin bis-[1]superstizzjonijiet, u mhux f'Malta biss: anke l-Ġappuniżi jaħsbu li l-baħrijiet huma erwieħ! Dan probabbli għax in-nies minn dejjem kienu jibżgħu mid-dlam, u peress li baħrija taraha bil-lejl, ivvintaw li ġġib xorti ħażina. Biex tgħaqqadha, hemm speċi ta' baħrija li fuq daharha għandha disinn qisu ras ta' mewt! Imma miskina l-baħrija x'taħti li għandha dak id-disinn?


Baħrija ta' Ras il-Mewt

Michael Sammut

Kieku n-nies josservaw flok jivvintaw il-ħmerijiet, malajr jindunaw li l-baħrijiet m'għandhom ebda poteri fuqna. Ħlief li jsaħħruna bil-ġmiel tagħhom!

# Ntietef tan-Natura 5

**Victor Falzon** jagħti ħarsa lejn annimali żgħar madwarna

## Il-Gamblu tal-Għadajjar

Il-Gamblu tal-Għadajjar trid tkun taf bih biex tarah! Mhux biss huwa żgħir, imma kważi trasparenti wkoll. U jgħix f'ambjent li jisparixxi! X'jiġifieri?

Għax dal-gamblu mhux fil-baħar jgħix imma fix-xagħri, f'ħofor fil-blat li jimtlew bl-ilma xita. Dawn l-għadajjar ma jkunux hemm is-sena kollha, għax fis-sajf jinxfu għal kollox. Għalhekk il-Gamblu tal-Għadajjar għandu ħajja qasira: ifaqqas, jiekol, jikber, jiżżewweġ u jbid, kollox fil-ftit xhur qabel ma jasal is-sajf, tinxiflu l-għadira u jmut. Imma dak il-bajd li tbid il-mara ma jiġrilu xejn bin-nixfa. Dak jibqa' fil-ħofra niexfa, u jistenna l-ħarifa terġa' ġġib ix-xita. Imbagħad ifaqqas!




Victor Falzon

### Skużawna u aħfrulna!

F'*Il-Ħuttafa* 101 paġna 4 ħawwadna żewġ għasafar! L-istorja kienet fuq ir-**Red-winged Blackbird** (għasfur Amerikan) imma bi żball ġibna ritratt ta' **Red-winged Starling** (għasfur Afrikan). Nitolbukom tiskużawna, u nisperaw li l-familjari taż-żewġ għasafar jaħfrulna! :)







### www.birdinginmalta.com



Tħobb l-għasafar? Mela żur il-websajt **Birding in Malta** għal tagħrif u ritratti fuq l-għasafar ta' Malta, u anke postijiet tajbin fejn tista' tmur berdwoċing. Dil-websajt ħolquha l-ħbieb tagħna Nicholas Galea u Steve Zammit Lupi, żgħażagħ berdwoċers u membri ta' Klabb Ħuttaf. Dil-websajt diġà tgħodd mas-700 ritratt, kollha meħudin Malta.

[1] **superstizzjoni** = għidut u ħrejjef li jemmnu xi nies, per eżempju li jekk tmiss xi ħaġa tal-injam (jew tgħid *Touch wood!*) twarrab xi diżgrazzja.




aħna ngħinuk tfaddal

Faddal permezz tal-BOV Young Savers Account u gawdi minn karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont u rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT**
**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta